**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christian Cauchi)**

**Vs**

**Kenneth Zammit**

**Kumpilazzjoni Nru. 107/2025 AC**

**Illum, il-21 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Kenneth Zammit** ta' tlieta u erbgħin (43) sena bin John Zammit u Marika (Maria-Carmela) Zammit nee' Borg, imwieled nhar it-3 ta' Ġunju tas-sena 1981 ġewwa l-Pieta', residenti ġewwa fond numru 45, 'Loredana Court', Flat 7, Triq Giuseppe Cali', Ta' Xbiex, u detentur tal-Karta tal-Identita' 0277481M, li kien akkużat talli nhar is-Sibt 18 ta' Jannar 2025 għall-ħabta tas-sitta u għoxrin ta' filgħodu (06:20hrs) u/jew fix-xhur, ġimgħat, ġranet u/jew ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Kien jaf jew messu kien jaf li ommu **Marika (Maria-Carmela) Borg** hi anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkustanzi jew kondizzjonijiet, ħlief dawk li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement ġiegħel jew ippermetta lil **ommu Marika (Maria-Carmela) Borg**, adulta dipendenti ssofri, jew ġab lil **ommu Marika (Maria-Carmela) Borg** uġiegħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li kellu l-kura u kustodja ta' **ommu Marika (Maria-Carmela) Borg** jew adult dipendenti, xjentement ġiegħel jew ippermetta li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti issirilhom ħsara, jew xjentement ġiegħel jew ippermetta li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti titqiegħed f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħha tkun fil-periklu u dan bi ksur tal-Artikolu 257Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ikkaġuna lil **ommu Marika (Maria-Carmela) Borg** biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tagħha, aħwa subien jew bniet u dan aggravat meta d-delitt twettaq kont il-konjuġi jew is-sieħba preżenti ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, id-delitt, jew id-delitti relatati twettaq jew twettqu ripetutament, u d-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma u dan bi ksur tal-Artikoli 251B, 251H(a)(b)(h) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Ġab ruħu b'mod li taha fastidju lil **ommu Marika (Maria-Carmela) Borg** jew ġab ruħu b'mod li kienet taf jew kien imissha kienet taf li dan kien ta' fastidju għal **ommu Marika (Maria-Carmela) Borg** u dan aggravat minħabba l-fatt li d-delitt twettaq kontra l-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament kif ukoll id-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma u dan bi ksur tal-Artikoli 251A(1)(a)(b), 251H(a)(b)(h) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli bejn is-Sibt 18 ta' Jannar 2025 għall-ħabta tas-sitta u għoxrin ta' filgħodu (06:20hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa r-residenza fond numru 45, 'Loredana

Court', Flat 7, Triq Giuseppe Cali', Ta' Xbiex għamel inġurji jew theddid lil Marika (Maria-Carmela) Borg liema inġurji mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artiklu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra Kenneth Zammit għall-benefiċċju ta' Marika (Maria-Carmela) Borg u l-familjari tagħha u dan *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, jkunu applikati l-provvedimenti tal-Artikolu 382A u 383 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex flimkien ma' Ordni ta' Protezzjoni, jew separatament minnha, taħt l-Artikolu 412Ċ u sakemm din il-Qorti tkun sodisfatta li jkunu saru jew li jistgħu isiru arranġamenti adatti għal trattament, tinħareġ Ordni ta' Trattament li tkun teħtieġ li l-persuna akkużata taċċetta li jsirilha trattament bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jista' jidrilha adatti li tniżżel fl-Ordni u dan *ai termini* tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Lara Lanfranco nhar is-6 ta' Frar 2025, fejn l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Christian Cauchi qara u kkonferma l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bil-ġurament[1];

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[2], wieġeb li mhux ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

---

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 4 *et seq* tal-proċess, kif ukoll l-akkużi maħlufa bil-ġurament a fol 6 *et seq* tal-proċess

[2] Ara a fol 29 tal-proċess

1. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex dan il-każ ikun trattat bi proċedura sommarja[3];

2. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[4];

3. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata nhar it-30 ta' Jannar 2025[5];

4. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/227/2025[6];

5. Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija għall-Ħruġ ta' Mandat t'Arrest fil-konfront tal-imputat datat it-30 ta' Jannar 2025[7];

6. Mandat t'Arrest fil-konfront tal-imputat datat it-30 ta' Jannar 2025[8];

7. Sett ta' żewġ ritratti[9];

8. Dikjarazzjoni ta' Rifjut għall-Assistenza Legali tal-Imputat datata s-6 ta' Frar 2025[10];

9. Stqarrija Awdjo-viżwali tal-imputat[11];

10. Nota ta' **Marika Borg** sabiex tikkostitwixxi ruħha bħala l-*Parte Civile* f'dawn il-proċeduri[12];

[3] Ara Dok CC a fol 9 tal-proċess
[4] Ara Dok CC1 a fol 10 tal-proċess
[5] Ara Dok CC2 a fol 11 *et seq* tal-proċess
[6] Ara Dok CC3 a fol 17 *et seq* tal-proċess
[7] Ara a fol 21 *et seq* tal-proċess
[8] Ara Dok CC4 a fol 23 tal-proċess
[9] Ara Dok CC5 a fol 24 *et seq* tal-proċess
[10] Ara Dok CC6 a fol 26 tal-proċess
[11] Ara Dok CC7 a fol 27 tal-proċess
[12] Ara a fol 28 tal-proċess

11. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-*Parte Civile* **Marika (Maria-Carmela) Borg**[13];

12. Ċertifikat Mediku maħruġ fir-rigward tal-imputat mit-Tabiba Dr. Ylenia Zammit datat is-6 ta' Frar 2025[14];

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija datat is-17 ta' Frar 2025[15] sabiex il-*Parte Civile* Maria Carmela Borg tixhed permezz tal-*video-conference* ġewwa l-bini tal-Qorti stess, liema talba kienet akkordata minn din il-Qorti nhar is-17 ta' Frar 2025[16];

Semgħet ix-xhieda, li bil-ġurament tagħhom jiddikjaraw u ċioe' lil:

**PS 2225 Suzanne Mifsud** tixhed fis-seduta tad-19 ta' Frar 2025[17] li nhar it-30 ta' Jannar 2025 għall-ħabta tas-07:20hrs ta' filgħodu ġiet Marica Borg, detentriċi tal-Karta tal-Identita' 486359M ġewwa t-Taqsima fejn kienet xogħol ix-xhud fil-Kwartieri tal-Pulizija ġewwa l-Floriana biex tagħmel rapport fil-konfront ta' binha Kenneth Zammit detentur tal-Karta tal-Identita' 277481M li ma jaħdimx ta' 43 sena li jgħix magħha ġewwa Ta' Xbiex. Marica Borg stqarret max-xhud li dan kien l-ewwel rapport fit-Taqsima ta' Vjolenza Domestika, u li binha Kenneth Zammit għandu problema tad-droga u ilu minn mindu kellu 16-il sena jabbuża mill-eroina. Ix-xhud kompliet tispjega li Marica Borg stqarret magħha wkoll li r-relazzjoni ta' bejniethom (bejnha u binha) qatt ma kienet tajba minħabba li wara ddivorzjat lil missieru hi kellha xi relazzjoni oħra, u stqarret ukoll li fit-18 ta' Jannar 2025 għall-ħabta tas-06:20 ta' filgħodu marret tqajjem lil Kenneth Zammit u qaltlu li hemm bżonn jitlaq mid-dar minħabba l-fatt li hi riedet toħroġ u ma riditux hemmhekk, u kompliet tistqarr li dak il-ħin binha ma tax kasha u stqarret li baqgħet tiffittah u tgħidlu li jrid joħroġ 'il barra u tgħajjat wara binha u beda jwieġibha "***orrajt, orrajt***"[18] u wara, b'rabja, qalilha kliem vjolenti, "***if you don't want me get very angry and end up stabbing you to death don't shout***"[19]. Ix-xhud tispjega li l-*Parte Civile* stqarret magħha li wara dan id-diskors

[13] Ara Dok CCA1 a fol 67 tal-proċess
[14] Ara Dok CCA2 a fol 68 tal-proċess
[15] Ara a fol 30 tal-proċess
[16] Ara a fol 30 tal-proċess
[17] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt l-istess seduta a fol 32A *et seq* tal-proċess
[18] Ara a fol 32B tal-proċess
[19] Ara a fol 32B tal-proċess

ħassitha xxukkjata ħafna, tant li fetħet il-bieb ta' barra, u spjegatilha li għandhom il-qtates li bdew jippruvaw jaħarbu, u binha Kenneth beda jagħlaq il-bieb bil-mod u hi terġa' tiftħu, liema ħaġa ġrat madwar tliet darbiet. Il-*Parte Civile* kompliet tistqarr max-xhud li minn xahar u nofs qabel Kenneth beda jitlobha l-flus bejn darbtejn u tliet darbiet fil-ġimgħa biex jixtri t-tabakk u jieħu kafe', bl-ammont ivarja bejn €10 u €30, liema flus għaddew kemm permezz ta' *Revolut* u kemm bi flus kontanti, u żiedet tgħid lix-xhud li madwar tliet ġimgħat qabel kienet bagħtitlu €320 biex imur joqgħod f'*hostel*. Il-*Parte Civile* stqarret max-xhud li bdiet tirċievi flus mingħand persuni li ma tafhomx biex tgħaddihom lil binha Kenneth, u qalet ukoll li fl-aħħar jiem kien meta marret biex tiġbor xi affarijiet mid-dar f'Ta' Xbiex kien hemm persuna oħra li ma tafhiex u tgħid li t-tnejn kienu mgħottija b'rashom b'kollox, li lanqas biss indunaw biha għax kienet marret tgħix f'post alternattiv. Ix-xhud tkompli tispjega li l-*Parte Civile* stqarret magħha li minn mindu kien qalilha dawk il-kliem kienet saret tibża' minnu, u fuq mistoqsija tax-xhud, il-*Parte Civile* stqarret magħha li minn mindu telqet mid-dar binha ma kienx reġa' kkuntattjaha, u li mit-18 ta' Jannar 2025 telqet mid-dar tagħha f'Ta' Xbiex u marret toqgħod f'post alternattiv tal-għażla tagħha.

Ix-xhud f'dan l-istadju tispjega li huma joffru *Risk Assessment non-IPV*, liema *assessment* il-*Parte Civile* għażlet li tagħmlu, u aċċettat ukoll l-għajnuna tar-*Risk Assessors* Shianne Muscat u Pavel, għalkemm ix-xhud iżżid tgħid li dan l-*assessment* ma jiġix għand il-Pulizija. Ix-xhud kienet murija Dok CC3 a fol 17 sa 20 tal-proċess, li tagħrfu bħala r-rapport li ħejjiet hi bir-referenza GHQ/GBDV/2227/2025. In kontro-eżami x-xhud tikkonferma li r-rapport tagħha huwa dak li qaltilha l-*Parte Civile* Marika Borg, u tikkonferma wkoll li meta ħejjiet ir-rapport ma kienitx kellmet lil Kenneth Zammit għaliex min-naħa tagħha kienet infurmat lill-Ispettur Christian Cauchi bir-rapport u kompla l-investigazzjoni hu, "***jiġifieri ma kellix x'naqsam miegħu ma kellimtux ma rajtux***"[20], u tikkonferma li hi ma kienitx parti mill-investigazzjoni għajr it-tħejjija tar-rapport għaliex wara għaddiet kollox lill-Ispettur tagħha;

[20] Ara a fol 32D tal-proċess

**Ir-*Risk Assessors* fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ Pavel Cuschieri u Shianne Muscat** jixhdu konġuntivament fis-seduta tad-19 ta' Frar 2025[21] li l-involviment tagħhom kien li darba Maria Carmela Borg ippreżentat ruħha quddiemhom bħala vittma, u huma offrewlha għajnuna ta' *Social Work* u għamlulha *Risk Assessment*, li fil-każ ta' Maria Carmela Borg kien wieħed *non-IPV*, u ċioe' *assessment* li ma jintużax bħala għodda li bih jużaw *score* li jingħadda lill-Pulizija, iżda sempliċiment sabiex tingħata għajnuna emozzjonali permezz tal-informazzjoni miġbura u jgħaddu lis-*Social Worker* li mbagħad titkellem magħha. Fuq domanda tal-Qorti, x-xhud Pavel Cuschieri jistqarr li ma kellhom xejn x'jippreżentaw u li din kienet sempliċiment informazzjoni li nġabret mill-mistoqsi li staqsew, u jerġa' jispjegal li din l-informazzjoni skont il-proċedura ma jgħadduhiex lill-Pulizija, u li n-notamenti li kellu f'idejh kienu biss dettalji tal-persuna bħall-Karta tal-Identita' u l-Indirizz. Fuq domanda tal-Qorti, x-xhud jikkonferma li dan m'huwiex *Danger Assessment* għaliex dan isir "***meta għandek allegat vittma mara fuq kontra allegat aggressur raġel***"[22], u fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, jispjega li *non-IPV* tfisser "***not an intimate partner violence***"[23] għaliex il-vittma irrappurtat lit-tifel tagħha. Fuq domanda tal-Qorti, x-xhud jgħid li jista' jgħaddi lill-Qorti r-*referral*, u ċioe' l-mistoqsija, id-dettalji tal-vittma u d-dettalji ta' kontra min kienet qed tirrapporta u r-rapport tal-Pulizija peress li huma jkunu preżenti, u fuq domanda oħra tal-Qorti, jikkonferma li ma kellu xejn ġdid. In kontro-eżami, ix-xhud jikkonferma lil *non-IPV* tfisser *non-Intimate Partner Violence*, u fuq domanda tad-Difiża jispjega li huma staqsew lis-Sinjura Borg fuq it-tip t'abbuż u forsi x'jista' jkun li wassal għall-abbuż u kif qiegħda tħossha, u jispjega li l-għajnuna li tingħata hija aktar ta' *social work* bħala spazju sigur fejn tista' tiftaħ qalbha u tesprimi dak li qed tgħaddi minnu, u din l-informazzjoni tgħaddi għand is-*Social Worker* sabiex tkun tista' tibda x-xogħol tagħha mal-vittma.

Ix-xhud ikompli jispjega li rigward ix-xogħol li sar minnhom, id-diskussjoni kienet fuq kif inhi, kif kienet qed tħossha u *safety planning*, u fuq domanda tad-Difiża jgħid ukoll li d-diskors min-naħa tagħha kien li hi kienet qed tibża' u fil-fatt stqarret magħhom li kienet qed tgħix f'residenza oħra ma' ħabiba tagħha, u biex hi tkun protetta, għamlu *safety*

[21] Ara x-xhieda tagħhom mogħtija waqt l-istess seduta a fol 32F *et seq* tal-proċess
[22] Ara a fol 32G tal-proċess
[23] Ara a fol 32G tal-proċess

*planning*. Ix-xhud jispjega wkoll li offrewlha li tirrisjedi f'xelter iżda rrifjutat, u qaltilhom li kienet diġa' qed tgħix f'residenza alternattiva, u li ffirmat dikjarazzjoni tal-kunsens *ai fini* ta' Protezzjoni tad-*Data* sabiex id-dettalji tagħha jgħaddu għand is-*Social Worker*. Fuq domanda tad-Difiża għalfejn bdiet tibża' tirrisjedi ma' binha u għalfejn kienet daqshekk imbeżża', x-xhud jagħmel referenza għar-rapport li għamlet fil-konfront ta' binha u li allegatament kien heddidha li "***he's going to stab her at the back***"[24] u hi beżgħet minn dan l-inċident, u semmiet ukoll li "***kien hemm insinsti ta' problemi ta' finanzjarja***"[25] għaliex kien qed jitlobha l-flus għad-drogi u qalet li hekk ħassitha iktar protetta li qed tmur f'residenza oħra. Fuq domanda tad-Difiża jekk dan kienx inċident ta' darba li fih qalilha d-diskors "***im going to stab you in the back***"[26] jew jekk kienx inċident ta' aktar minn darba, x-xhud iwieġeb li huma ma jidħlux fl-aspett investigattiv, u kienet aktar kwistjoni li tkellmu mas-Sinjura Borg. Fuq domanda tad-Difiża, x-xhud jistqarr li s-Sinjura Borg ma kienitx tagħthom dettalji, u jikkonferma li qaltlu biss li l-biża' primarjament kienet ikkaġunata minn dan l-inċident li qalilha li "***cause im about to stab you in the back***"[27], u mistoqsi jekk qaltilhomx dwar okkażjonijiet preċedenti li kkaġunawlha biża' minn binha, ix-xhud iwieġeb fin-negattiv fir-rigward tagħhom, iżda jgħid li mas-*Social Worker* tkun iddiskutiet il-każ b'mod aktar olistiku;

**Il-*Parte Civile* Marica (Maria-Carmela) Borg** tixhed fis-seduta tad-19 ta' Frar 2025[28] li Kenneth Zammit jiġi binha u fuq domanda tal-Prosekuzzjoni tispjega li kienet għamlet rapport fil-konfront ta' binha Kenneth rigward inċident li kien seħħ nhar it-18 ta' Jannar 2025 għall-ħabta tas-sitta u għoxrin. Tispjega li kienet marret tqajjem lil Kenneth li kien rieqed fil-kamra tiegħu fir-residenza 45, Flat 7, Loredana Court, Giuseppe Cali' Street, Ta' Xbiex u tikkonferma li kienu jgħixu fl-istess dar. Iżżid tgħid pero' li "***dan l-aħħar ma kienx qed jgħix hemm għax kont għidtlu jitlaq***"[29] minħabba li l-aġir tiegħu ma kienx qed jogħġobha, u tispjega li kien qiegħed idaħħal in-nies id-dar mingħajr ma jistaqsiha "***fis-sitta ta' filgħodu per eżempju***"[30] u hi kienet tqum u ssib in-nies, u għalhekk talbitu biex

[24] Ara a fol 32I tal-proċess
[25] Ara a fol 32I tal-proċess
[26] Ara a fol 32I tal-proċess
[27] Ara a fol 32J tal-proċess
[28] Ara x-xhieda mogħtija minnha waqt l-istess seduta a fol 33 *et seq* tal-proċess
[29] Ara a fol 35 tal-proċess
[30] Ara a fol 35 tal-proċess

jitlaq. Tistqarr pero' li dakinhar kien qiegħed hemm għax kien ġie filgħaxija u sabitu rieqed hemmhekk, u kien mingħaliha li telaq. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud tispjega li dan l-aġir kien ilu għaddej għal madwar tliet ġimgħat, u fuq domanda tal-Prosekuzzjoni tgħid li l-kaġun ta' dan l-aġir kien l-użu tad-droga, u żżid li kienet taf li minħabba f'hekk għaliex qabel ma telaq peress li kien arrestat kienet issib siringi kif ukoll, wara li staqsiet dwarha, "***xi ħaġa li kienu qed jużaw hu u persuni oħra d-droga crack***"[31], li fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, għall-ewwel tistqarr li ma kienitx tiftakar fejn kienet issib dawn l-oġġetti, iżda wara tikkjarifika li kienet issibhom fir-residenza tagħha, u l-oġġett tal-*crack* kien fil-kamra ta' fejn kien jorqod Kenneth. Ix-xhud fuq domanda tal-Prosekuzzjoni tkompli tispjega li Kenneth kien ilu bil-vizzju tad-droga minn mindu kellu 16-il sena, u dwar il-*crack*, tgħid li għall-bidu ma kienitx taf li *crack* iżda kienet tissuspetta li kienet hekk għax kienet issib "***dawn it-tip ta' fliexken***"[32] u tgħid li riedet tieħu ritratt tagħhom, iżda sakemm kienet tmur tieħu r-ritratt dan il-flixkun kien jisparixxi. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tistqarr li din is-sitwazzjoni kienet affettwatha ħafna għaliex is-soltu Kenneth ikun kalm, u għalkemm tgħid li ġieli kien ikollhom xi jgħidu bħal kull persuna li tgħix mal-oħra, tispjega li "***beda jgħaġġel ħafna, kliemu jgħaġġel, spiċċa ma jaħdimx, dejjem jiddependi fuqi fuq kollox***"[33]. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, tispjega li fuq flus kien jiddependi fuqha żgur, kienet tħallas kollox hi, "***jiġifieri bażikament kien komdu d-dar***"[34], u tgħid li qatt li jkollu flus u tistqarr li kienet tinkwetaha ħafna din il-biċċa, żżid tgħid li meta jieħu d-droga lsienu jsir kattiv ħafna. Rigward il-flus, ix-xhud tispjega li meta kienet mitkellma għand id-Domestic Violence jekk ma kienitx sejra żball kienet semmiet perjodu ta' tliet xhur, iżda dan kien aktar fit-tul, pero' ssostni li dawn l-aħħar tliet xhur kien qiegħed jistaqsiha ħafna għall-flus biex jixtri t-tabakk, u jekk tagħtih per eżempju €10 u tgħidlu jtiha l-bqija kien jgħidilha "***imma ma nieħux daqsxejn kafe'***"[35].

Ix-xhud issemmi wkoll li kienet tgħaddilu l-flus minn *Revolut*, iżda tistqarr li kienet tħawwdet b'dawn it-transazzjonijiet għaliex "***ġieli bgħatt dirett u ġieli bagħat lil ħbieb tiegħu mingħajr ma jitlobni permess, għax huma jibgħatu l-flus u mbagħad***

[31] Ara a fol 36 tal-proċess
[32] Ara a fol 37 tal-proċess
[33] Ara a fol 37 tal-proċess
[34] Ara a fol 37 tal-proċess
[35] Ara a fol 38 tal-proċess

***jibgħatilhom lura***"[36] u tistqarr li ma setgħetx tifhem għalfejn. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tistqarr li ma kienitx staqsiethom għalfejn jibgħatulha l-flus il-ħbieb tiegħu, u tispjega li għall-ewwel kien dejjem jgħidilha biex tibgħat il-flus lil ħabib, jew inkella li ċertu ħabib kien ser jibgħatilha l-flus, biex imbagħad jibgħatuhom lura, u fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tistqarr ukoll li ma kienitx taf l-ammont ta' flus li kienet bagħtet lil Kenneth għax kienet tilfet il-kont, iżda fuq domanda tal-Qorti tgħid li "***It was thousands, into the hundreds***"[37]. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud tgħid li l-flus kienet tgħaddihomlu l-aktar permezz ta' *Revolut*, iżda żżid tgħid li jekk kienet tkun xi €10 kienet ittihomlu bħala flus kontanti. Tgħid ukoll pero' li meta ma kienitx ittih flus għax kienet tkun irrabjata, kien dejjem jaċċetta. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, dwar inċident partikolari li kienet semmiet fir-rapport li għamlet lill-Pulizija, x-xhud tispjega li dan seħħ f'Jannar 2025, u ssemmi li qalet lill-Pulizija li fl-Ewwel tas-Sena sabet raġel rieqed fil-kamra tiegħu u hu ma kienx qiegħed hemm, "***jiġiferi ngħidlu ddaħħalx nies u jdaħħalhom xorta meta nkun rieqda jiena***"[38], u tgħid li jekk kienet tgħidlu xi ħaġa kien ikun "***vera antipatku rigward it-tifel tiegħu***"[39] u kien jikkumenta "***how anxious she always is***"[40] u tgħid li affettwat lit-tifel ħażin, liema tifel jiġi n-neputi tagħha u għandu l-eta' ta' għaxar snin. Ix-xhud tkompli tispjega li kien ikollhom xi jgħidu "***meta reġa' beda jieħu***"[41] u tikkonferma li dan kien matul dawn l-aħħar tliet xhur, u ssemmi li kien jgħidilha "***evil, qaħba, kerha, il-ħin kollu***"[42] u żżid li "ma tistax tagħmillu osservazzjoni" minbarra li jpejjep il-ħaxixa u sigaretti oħra ġewwa minkejja li tgħidlu biex ma jagħmilx hekk, u fil-fatt tgħid li "***ngħidlu tpejjipx u jpejjep xorta, jinjorani kompletament***"[43].

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud tistqarr li meta għamlet ir-rapport ma kienitx taf fejn kien qed jgħix Kenneth għaliex suppost kien ħallas il-flus għal *hostel*, iżda kien ċemplilha persuna li ma kienitx tiftakar min kienet iżda taf li bagħtitlu l-flus fl-ammont ta' €320, iżda minkejja li wara li ħalset dawn il-flus meta kien mingħaliha li Kenneth kellu

[36] Ara a fol 38 tal-proċess
[37] Ara a fol 39 tal-proċess
[38] Ara a fol 40 tal-proċess
[39] Ara a fol 40 tal-proċess
[40] Ara a fol 41 tal-proċess
[41] Ara a fol 41 tal-proċess
[42] Ara a fol 41 tal-proċess
[43] Ara a fol 41 tal-proċess

saqaf fuq rasu, beda jiġi fl-indana tal-*flats* fejn toqgħod ix-xhud u joqgħod hemmhekk. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tgħid li ma kienitx ix-xewqa tiegħu li jitlaq, u tikkonferma li kienet hi li qaltlu biex jagħmel hekk, u li kienet id-dar meta qaltlu biex jitlaq. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tispjega li meta qaltlu biex jitlaq mid-dar, tistqarr li ma tiftakarx x'kien qalilha pero' ma għajjarhiex "***jiġifieri aċċetta***"[44]. Fuq domanda tal-Avukat tagħha, tispjega li dakinhar tat-18 ta' Jannar, tispjega li qamet filgħodu bħas-soltu, u marret tittawwal fil-kamra tiegħu għaliex "I have been very uneasy" għax "***qatt ma nafx x'ser jagħmel***"[45], u sabitu rieqed hemmhekk. Tkompli tispjega li marret tqajmu bil-mod, u qaltlu "***you need to leave because I need to go out and I do not want you here***"[46], u dan għaliex mhux suppost kien qiegħed joqgħod hemm għax kienet qaltlu biex ma joqgħodx hemm, minbarra li "***jgerfex, iħobb igerfex ħafna fid-dar***"[47], li biha riedet tfisser li "***mhux l-ewwel darba li sibt l-affarijiet neqsin jien***"[48], u fuq domanda tal-Avukat tagħha jekk kienx weġibha meta qaltlu jitlaq, ix-xhud twieġeb li "***ma tantx għax kien qisu mitluf kważi***"[49], "***bħal ma dejjem ikun meta jkun bl-effett***"[50].

Fuq domanda tal-Avukat tagħha, x-xhud tistqarr li meta rat hekk, u ċioe' li rat lil Kenneth id-dar tagħha meta mhux suppost kien hemm, ħassitha frustrata ħafna, kellmitu bil-mod imma mbagħad irrabjat, mistoqsija dwar ir-reazzjoni tiegħu, tgħid li beda jgerger minn taħt, u minn taħt qalilha l-kliem "***qalli ma if you do not want to make me... That I end up stabbing you to death do not shout***"[51], u tistqarr li meta qalilha dan il-kliem ħadet shock kbir għax qatt ma qalilha hekk, u beżgħet, "***ngħid il-verita' bżajt***"[52]. Tispjega li tant beżgħet li fetħet il-bieb ta' barra, u għandhom il-qtates u bdiet tibża' li ser jaħarbu pero' xorta fetħet il-bieb u Kenneth reġa' għalaq, "***jiena niftaħ u hu jerġa' jagħlaq***"[53]. Fuq domanda tal-Avukat tagħha, x-xhud tgħid li wara l-inċident ħarġet mid-dar tagħha u marret għand il-ħabiba tagħha mit-18 ta' Jannar, u tgħid li l-ġurnata ta' qabel ix-xhieda

[44] Ara a fol 42 tal-proċess
[45] Ara a fol 43 tal-proċess
[46] Ara a fol 43 tal-proċess
[47] Ara a fol 43 tal-proċess
[48] Ara a fol 44 tal-proċess
[49] Ara a fol 44 tal-proċess
[50] Ara a fol 44 tal-proċess
[51] Ara a fol 44 tal-proċess
[52] Ara a fol 45 tal-proċess
[53] Ara a fol 45 tal-proċess

tagħha reġgħet daħlet lura fid-dar tagħha. Mistoqsija għalfejn ħarġet mid-dar, ix-xhud tistqarr li kien għaliex kienet qed tibża' ħafna minnu u minn sħabu li kien qed idaħħal għaliex kienet qed tibża' li jidħlu fuqha, tant li biddlet is-serratura tal-bieb, u għadha tibża' li jiġi xi ħadd iħabbat, u fil-fatt kellha telefonata minn wieħed minn sħabu u hi qatgħatlu u blokkjatu, u dan peress li Kenneth kien iċempel mit-*telephone* tagħha lin-nies u jniżżel l-ismijiet. Mistoqsija dwar dak li seħħ qabel it-18 ta' Jannar meta qalet lil Kenneth biex joħroġ mid-dar tagħha u kif kienet qed tħossha, x-xhud tispjega li kienet għajjiena, frustrata, tħoss li m'għandha liberta' ta' xejn għax kull ħaġa li kienet tgħid irid jgħid kontra, kull ħaġa li tagħmel kien jgħid kontra wkoll – għalkemm tikkoreġi ruħha u tgħid li mhux kull ħaġa, imma ċertu affarijiet, li għaliha kienu sensittivi ħafna "***u ta' nies moħħhom f'postu, u hu jirrispondi, jiġifieri jrid jindaħalli x'nagħmel jiena, x'ma nagħmilx***"[54]. Mistqosija kemm għandha żmien ix-xhud twieġeb li għandha eta' ta' ħamsa u sittin sena, u taħdem ta' għalliema, f'liema professjoni ħadmet minn mindu kellha tnejn u għoxrin sena u dik is-sena kellha lil Kenneth sa wieħed u tletin sena, u mbagħad bdiet taħdem u minn dak iż-żmien ma waqfitx. Fuq domanda tal-Avukat tagħha, x-xhud tispjega li waqfitx taħdem minkejja li setgħet tieqaf qabel u setgħet kienet bil-pensjoni, u dan għaliex qiegħda taħdem biex tissapportja lit-tifel ta' Kenneth li jismu Isaac Zammit.

Tispjega li ttih minn kollox għax hu ma jaħti xejn, u tgħid li kien hemm l-inkwiet minn mindu kien tarbija b'missieru qatt ma jkollu flus u jekk ikollu jberbaqhom. Mistoqsija dwar iż-żmien ta' meta keċċiet lil Kenneth mid-dar ix-xhud tispjega li kienet tħossha irrabbjata u frustrata u "***tensed ħafna***"[55], u biex tispjega għalfejn, tagħti eżempju bil-fatt li hi taħdem u tieħu ħsieb lit-tifel tiegħu "***b'sitt privatijiet barra li naħdem***"[56] u għalhekk ma tlaħħaqx mad-dar, u biex tiffranka l-flus ma ġġibx seftura, u hu jgħajjarha li ma tafx taħsel *mug*, "***jiġifieri qisni qed ngħix ma' xi ħadd ħa jikkmandani meta hu t-tifel tiegħi irid jiddependi fuqi għax anke hu qed jiddependi fuqi***"[57]. Mistoqsija kif kienet qed tħossha waqt li kien qed jingħad dan id-diskors fil-konfront tagħha, tgħid li kienet tħossha rrabjata u frustrata, u filwaqt li tistqarr li kienet tirrabja miegħu, tgħid li kienet tirrabja miegħu mod

[54] Ara a fol 46 tal-proċess
[55] Ara a fol 48 tal-proċess
[56] Ara a fol 38 tal-proċess
[57] Ara a fol 48 tal-proċess

"***u hu jirrabja mod ieħor bit-tgħajjir u bid-dagħa***"[58]. Fuq domanda tal-Avukat tagħha x-xhud tispjega li hi ma kellhiex għajnuna ta' xi ħadd li kienet qed tuża s-servizzi tiegħu biex jgħinha, u tgħid li kienet titkellem ma' tal-CARITAS biex jgħinuha b'din is-sitwazzjoni meta kien fil-programm u qabel il-programm, u tistqarr li tixtieq tkellimhom, pero' tgħid li tant għandha x'tagħmel bit-tifel tiegħu Isaac Zammit li mhux qed tlaħħaq. Fuq domanda tal-Avukat tagħha jekk kienitx lesta li terġa' tilqa' lil Kenneth lura f'darha, twieġeb li "***Le, assolutament le***"[59] għaliex "***ħa r-riedni f'idejh, litteralment he got over the house***"[60], u għalkemm tgħid li hu mhux pussessiv, fl-istess nifs tgħid li jindaħlilha ħafna, u ġġib eżempji bħal f'każ li jkollha relazzjoni ser jikkummenta, iċalqilqilha l-affarijiet minn posthom, tant li "***anke sempliċi aquarium irid ipoġġieh fejn irid hu***"[61] u tgħid li hija "***redikola, iddejjaqni ħafna***"[62]. Murija fol 24 u 25 tal-proċess, ix-xhud tagħraf "***ir-rebus li ħallewli fil-kċina***"[63] hu u sieħbu, u tkompli biex tagħraf kuċċarina b'xi ħaġa bajda fuqhom, *earphones*, *garbage bags*, "***minn kollox***"[64], u xi ħaġa qisha *cream*, u dan b'referenza għal fol 24 tal-proċess. Fir-rigward ta' fol 25 tal-proċess ix-xhud tistqarr li l-affarijiet kienu daqsxejn 'il bogħod iżda indikat nuċċali, u tinnota li l-kuċċarina ma kienitx tidher iżjed.

Fuq domanda tal-Qorti, x-xhud tidentifika l-kamra fir-ritratti bħala l-kċina tagħha. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, **f'dan l-istadju x-xhud tindika lil binha bħala l-imputat preżenti fl-awla**. In kontro-eżami, x-xhud tispjega li dwar il-fatt li l-imputat u sħabu kienu jmorru d-dar tagħha u jagħmlulha rebus, kienet ġibdet l-attenzjoni ta' binha u fuq il-ġenituri ta' sħabu, x-xhud tgħid li dawn kienu rġiel kbar, u meta mistoqsija jekk qattx qaltilhom li ma kellhiex pjaċir bihom id-dar, ix-xhud tirrakkonta episodju li fih kienet qed tgħajjat mal-imputat u tistaqsi x'kienu qed jagħmlu dawn in-nies hemmhekk, li kienu fil-gallarija meta qamet fis-sitta ta' filgħodu, u huma ndunaw u skużaw ruħhom, u dwar l-oħrajn tgħid "***jiena kif nista' nkellimhom jekk wieħed rieqed fis-sodda stendut***

[58] Ara a fol 48 tal-proċess
[59] Ara a fol 49 tal-proċess
[60] Ara a fol 49 tal-proċess
[61] Ara a fol 50 tal-proċess
[62] Ara a fol 50 tal-proċess
[63] Ara a fol 50 tal-proċess
[64] Ara a fol 50 tal-proċess

***jonħor***"[65]. Tgħid li darba minnhom marret għall-affarijiet, u kien hemm wieħed u talbitu jitlaq, u ma rieditx tirrabja hi jew tirrabja lil xi ħadd, u tistqarr li ma kienitx taf kif ħa jirreaġixxu, iżda tgħid li hu njoraha u hemm baqa'. Mistoqsija jekk qatt talbitx l-assistenza tal-Pulizija minħabba li kien hemm terzi persuni fid-dar tagħha li ma kienitx tafhom u kienu hemm mingħajr il-kunsens tagħha, u jekk talbitx li jiġu l-Pulizija biex jintervjenu, ix-xhud tistqarr li ma laħqitx tgħid lill-Pulizija, għax imbagħad kienu qed jorqdu barra, il-ġirien ħadulhom ir-ritratti, u darba minnhom l-imputat kien qed jistennieha u dam ħafna jistennieha minn dak li qalulha l-ġirien, u tgħid li kienet marret għand il-Pulizija u qalulha li ħa jmorru magħha, u Kenneth qalilha li kien ġie għal xi ħaġa, u hi tagħthielu u telaq. Fuq domanda tad-Difiża, ix-xhud tgħid li wara dan l-episodju, kien mingħaliha li ma kellux ċavetta, kellha tmur id-dar ma' xi ħaddieħor u kien hemm hu u ieħor.

Rigward l-inċident tat-18 ta' Jannar, ix-xhud tikkonferma li hi kien mingħaliha li l-imputat ma kellux ċavetta, u kien mingħaliha li kien ħareġ u mbagħad l-għada filgħodu sabitu hemmhekk, u fuq domanda tal-Qorti, x-xhud tispjega li sa fejn kienet taf hi ma kellux ċavetta tad-dar. Mistoqsija rigward il-fatt li kienet tagħti l-flus lill-imputat minkejja li kellu problema ta' droga minn meta kellu l-eta' ta' 16-il sena u li kien diżokkupat, ix-xhud tgħid li qabel ma kienitx ittih flus, pero' mbagħad minħabba "***fittaġni estrem***"[66] da parti tal-imputat, fejn kien iċemplilha l-ħin kollu waqt li kienet tkun fuq ix-xogħol, "***jew għax inqala' xi ħaġa jew oħra***"[67]. Mistoqsija jekk kienitx tagħtih il-flus minkejja li kienet konxja tal-fatt li sħabu kienu qed jibgħatulha l-flus fuq *Revolut* fuq il-*mobile* tagħha, x-xhud tistqarr li fl-aħħar tant kemm għajjiet li lanqas bdiet tinduna x'kien qed jiġri, u "***daqqa jibgħat, daqqa jgħidli nibgħatlu, daqqa jgħidli nibgħatlu għand xi ħaddieħor għax il-card tilifha***"[68], u fuq domanda tal-Qorti, x-xhud tistqarr ukoll li ma kienitx taf għalfejn kienet qed tirċievi l-flus mingħand ħaddieħor u għalfejn kien jgħid lil sħabu biex jibgħatuhom lilha, għalkemm tgħid li kellha kollox fuq *Revolut*, tgħid ukoll li ma kienitx taf mingħand min kienet qiegħda tirċievi l-flus u tgħid li "***just names***"[69] u ma kellhiex idea min kienu dawn in-nies, u jekk tiftakar sew, kien ikollha tibgħathom lura, fuq domanda

[65] Ara a fol 52 tal-proċess
[66] Ara a fol 54 tal-proċess
[67] Ara a fol 54 tal-proċess
[68] Ara a fol 55 tal-proċess
[69] Ara a fol 55 tal-proċess

tal-Qorti, tikkonferma li kienet tibgħatha lura lill-istess persuna, iżda ttenni li tant kemm kienet għajjiena li lanqas biss tiftakar eżatt l-istruzzjonijiet x'kienu, u tgħid li minkejja li setgħet tara kollox minn fuq *Revolut*, fil-ħin tax-xhieda tagħha ma setgħetx tkun ċerta. Mistoqsija mill-Qorti jekk qatt kienitx żammet minnhom dawn il-flus, ix-xhud twieġeb li qatt ma żammet flus għax qatt ma kellha bżonn flus ta' ħaddieħor, u tgħid "***Jien naħdem u ma għandi bżonn il-flus ta' ħadd***"[70]. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud tgħid li sa fejn tiftakar hi, kienet tibgħat il-flus lura u dan fuq struzzjonijiet tal-imputat, u fuq domanda tad-Difiża, tikkonferma li l-imputat kien jagħti struzzjonijiet lil sħabu biex jibgħatulha l-flus fuq il-*mobile* tagħha, u mbagħad jerġa' jikkuntattjaha biex terġa' tibgħathom lil sħabu, u ċioe' lil dawk li jkunu bagħtulha l-flus. Fuq domanda tad-Difiża dwar xi jekk xi darba heddidhiex jew refa' jdejh fuqha jew xi komportament ta' dan it-tip, ix-xhud twieġeb fin-negattiv.

Mistoqsija dwar id-diskors tiegħu, u ċioe' li qam irrabjat "***u qallek stabbing you to death***"[71] kienitx l-aktar ħaġa li weġġgħatha, ix-xhud tgħid li apparti minn dan, kien beżżagħha wkoll, u tikkonferma li dan id-diskors seta' ntqal peress li forsi kien taħt l-influwenza tad-droga, iżda ssostni li dan id-diskors ma kienx inċident ta' darba, għaliex minkejja li tgħid li "***qabel iva***"[72] tgħid ukoll li ma tistax tgħid x'ser jiġri fil-futur. Meta reġgħet tpoġġietilha l-istess domanda dwar id-diskors li ntqal fil-konfront tagħha u jekk dan kienx inċident ta' darba u seħħ għaliex kien taħt l-effett tad-droga, ix-xhud tikkonferma dan, iżda tikkjarifika li l-effetti li kellu kienu ta' *withdrawal symptoms*. Ix-xhud tikkonferma wkoll li din l-imġiba kienet sforz l-effett tad-droga u li meta ma jkunx "***mhux ħa jikkummiedja b'dan il-mod***"[73]. Fuq domanda tad-Difiża, x-xhud tispjega li damet mill-15 ta' Jannar sal-ġurnata ta' qabel ix-xhieda tagħha tgħix għand ħabibtha, u mistoqsija għalfejn ma rrappurtatx lill-Pulizija qabel, ix-xhud twieġeb li għamlet ir-rapport tagħha fit-13 ta' Jannar, u ssostni li telqet mid-dar mhux għax kienet imdejjqa imma għaliex kienet imbeżża' ħafna. Ix-xhud iżżid tgħid li fit-13 ta' Jannar telqet mid-dar, liema esperjenza

---

[70] Ara a fol 56 tal-proċess
[71] Ara a fol 57 tal-proċess
[72] Ara a fol 58 tal-proċess
[73] Ara a fol 58 tal-proċess

ddeskriviet bħala "***not pleasant***"[74] u l-ħajja tagħha dak iż-żmien bħala "***living in hell***"[75], għaliex ma felħitx iżjed, u kienet "***the last straw***"[76], u ssostni li għadha tibża' sal-ġurnata tal-lum. Ix-xhud tispjega li kienet qed tgħix f'kaos totali, li minkejja l-appoġġ li kienet tagħti lil binha xorta kienet tgħix f'dan il-kaos u tgħid li ma kellhiex kontroll fuq il-ħbieb tiegħu, ma tistax tgħidilhom "***int qed tieħu d-droga***"[77], pero' kienet turi lill-imputat li ma kienet qed tieħu gost xejn, u kienet wissietu biex ma jdaħħalx nies id-dar, u tgħid "***lanqas jien ma ndaħħal nies id-dar aħseb u ara hu***"[78]. Fuq domanda tad-Difiża, x-xhud tispjega li filwaqt li xehdet li kienu jiġu l-imputat u sħabu jieħdu d-droga flimkien fid-dar tagħha, affarijiet ta' sħabu ma sabet qatt, pero' ta' Kenneth sabet u kienet refgħethom ħalli jekk jinqala' xi ħaġa jkollha x'turi lill-Pulizija, iżda "***għal din il-biċċa xogħol ma kellix bżonn, hemm għadhom l-affarijiet***"[79].

**L-Ispettur Christian Cauchi** jixhed fis-seduta tas-26 ta' Frar 2025[80] li fit-30 ta' Jannar 2025 kien infurmat minn PS 2224 Suzanne Mifsud li taħdem fi ħdan id-Dipartiment kontra l-Vjolenza Domestika fil-Furjana li fis-sebgħa u għoxrin ta' filgħodu kienet ġiet Marica Borg li tiġi omm Kenneth Zammit li xtaqet tagħmel rapport fil-konfront ta' binha Kenneth Zammit minħabba li għandu problema akuta tad-droga eroina. Ix-xhud jispjega li Marica Borg stqarret li binha kien qed jgħix magħha fir-residenza 45, Loredana Court, Flat 7, Triq Giuseppe Cali', Ta' Xbiex, u kien qed jitlobha bejn €10 u €30 kuljum, u tagħtu xi ammont ta' flus fosthom €320 biex imur joqgħod f'*hostel* tant kemm ma felħitx iżjed, iżda minkejja li kien għamel xi żmien barra mid-dar, reġa' tfaċċa. Stqarret ukoll li qabel ma telaq, fit-18 ta' Jannar 2025 għall-ħabta tas-06:20hrs, kienet marret tgħid lil Kenneth biex jitlaq minn ġewwa d-dar għax ma felħitx iżjed, u hu rreaġixxa b'mod aggressiv bil-kliem, "***If you don't want to get me very angry and end up stabbing you to death, don't shout***"[81]. Marica Borg stqarret ukoll li għalkemm kien qed jitlobha l-flus, meta ma ttiehx qatt ma kien heddidha b'ħajjitha pero' kien dejjem jiffittaha biex hu jsostni l-vizzju li kellu tad-droga. Ix-

[74] Ara a fol 60 tal-proċess
[75] Ara a fol 60 tal-proċess
[76] Ara a fol 60 tal-proċess
[77] Ara a fol 61 tal-proċess
[78] Ara a fol 61 tal-proċess
[79] Ara a fol 62 tal-proċess
[80] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 64 *et seq* tal-proċess
[81] Ara a fol 64 tal-proċess

xhud jispjega li jiftakar li kien sar *Risk Assessment non-IPV* mir-*Risk Assessors* Pavel Cuschieri u Sharon Muscat, u jiftakar ukoll li kien talab il-ħruġ ta' mandat t'arrest fil-konfront ta' Kenneth Zammit mill-Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia, liema rikors kien milqugħ u fil-frattemp fis-6 ta' Frar 2025, ix-xhud fil-preżenza ta' PS 2044 u PC 402 marru fir-residenza Loredana Court, Flat 7, Triq Giuseppe Cali', Ta' Xbiex, li huwa blokka appartamenti li milli jiftakar ix-xhud kien ta' tliet sulari, u l-bieb kien isfar, u meta ħabbat, ma fetaħ ħadd, iżda meta ħabbat bi ftit iktar saħħa x-xhud sema' leħen ta' raġel jistaqsi min kien. Ix-xhud jispjega li staqsa "***Kenneth inti?***"[82] u r-raġel wieġeb fl-affermattiv, u dak il-ħin ma fetaħx għax ħassu mbeżża' minnu u ma bediex jemmen li aħna Pulizija, u eventwalment ix-xhud għamel kuntatt mal-omm Marica Borg biex tiġi ġewwa l-fond biex ittihom iċ-ċavetta biex jiftħu l-bieb. Ix-xhud jiftakar li kienu talbu l-assistenza tal-*IRU* għaliex ma kienux jafu jekk Kenneth Zammit, **li jagħrfu bħala l-imputat preżenti fl-awla**, kienx armat jew le. Ix-xhud jispjega li kif daħlu infurmawh li kien qiegħed taħt arrest, ir-raġuni tal-arrest, u jiftakar li ġewwa flimkien mal-imputat kien hemm ħabib tiegħu ċertu Frank Schembri, u nnota li fid-dar kien hemm diżordni sħiħa, partikolarment fil-kċina, li fiha kien hemm affarijiet fosthom kuċċarina li huma x'aktarx marbutin mad-droga milli seta' josserva x-xhud, u jiftakar li wara li kien avżah bid-drittijiet legali tiegħu l-imputat qallu li jixtieq imur id-*Detox*, u ttieħed id-*Detox* u jiftakar li kien iċċertifikat minn Dr. Elenia Zammit mid-*Detox* b'test tal-urina, li rriżulta pożittiv. Ix-xhud iżid jgħid li l-omm għandha l-eta' ta' ħamsa u sittin sena, u ppreżenta Ċertifikat tat-Twelid tagħha immarkat bħala Dok CCA1, kif ukoll Ċertifikat fir-rigward tal-imputat immarkat bħala Dok CCA2.

Ix-xhud ikompli jispjega li kien kellem lill-imputat ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, fejn reġa' avżah bid-drittijiet legali tiegħu, u dak il-ħin irrinunzja milli jkellem Avukat tal-fiduċja tiegħu. Ix-xhud jgħid ukoll li eventwalment l-imputat ikkopera mal-Pulizija wara li arrestawh, u tressaq il-Qorti nhar is-7 ta' Frar 2025 quddiem il-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco u wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u baqa' miżmum taħt arrest, iżda mbagħad ix-xhud jikkoreġi lilu nnifsu u jgħid li l-imputat tressaq b'arrest nhar is-6 ta' Frar 2025. Muri l-atti proċesswali, x-xhud jagħraf Dok CC1 a fol 10 tal-proċess bħala ċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat Kenneth Zammit, Dok CC2 a fol 17

[82] Ara a fol 65 tal-proċess

sa 20 tal-proċess bħala r-rapport dwar dan l-inċident bir-referenza JHQ/GBDV/227/2025, Dok a fol 21 sa 22 tal-proċess bħala r-rikors għall-ħruġ ta' mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat li talab ix-xhud stess lill-Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia, Dok CC4 a fol 23 tal-proċess bħala l-mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat iffirmat mill-istess Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia, id-dokumenti a fol 24 u 25 tal-proċess bħala ritratti li kienu ttieħdu waqt l-arrest tal-imputat fir-residenza f'Ta' Xbiex, Dok CC6 a fol 26 tal-proċess bħala d-dikjarazzjoni ta' rinunzja għad-dritt tal-parir legali t'Avukat li fih ix-xhud jagħraf il-firma tiegħu, tas-PS 2044 Graziella Farrugia u PC 402 Andrea Mifsud li kienu x-xhieda waqt l-Istqarrija, kif ukoll il-firma tal-imputat Kenneth Zammit fuq l-istess dokument. Ix-xhud jagħraf ukoll Dok CC7 a fol 27 tal-proċess bħala l-Istqarrija awdjo-viżwali tal-imputat;

**It-Tabiba Dr. Ylenia Zammit tixhed b'mod virtwali** fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2025[83] li kienet it-Tabiba *on call* dakinhar tas-6 ta' Frar 2025 għall-ħabta ta' xit-tmienja, u eżaminat lil Kenneth Zammit għall-ewwel darba wara li kien miġjuba mill-Pulizija u gabuh hemmhekk minħabba li qal li kellu xi sintomi. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tispjega li kienu sintomi ta' *sickness* tal-*withdrawals*, u Kenneth Zammit beda jgħid li kellu mnieħru jqattar u jħoss għadmu juġgħuh fost affarijiet oħra. Ix-xhud tgħid li meta eżaminatu kien jidher kompletament normali, u bħala sintomi ma rat xejn li kien inkwetanti, u min-naħa tagħha pprovdietlu xejn bħala mediċini u affarijiet hekk. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tispjega li meta ttieħed it-test tal-urina irriżulta li kien pożittiv għall-kokaina, *opiates* u *buprenorphine*, li hija pillola ta' taħt l-ilsien. Murija Dok CCA2, fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tikkonferma li d-dokument kitbitu hi fl-istess ġurnata tas-6 ta' Frar 2025, li fih kitbet li dak il-ħin rat li ma kellux sintomi, u li ma tagħtu l-ebda mediċina, u r-riżultat tat-test tal-urina li ttieħed. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tagħraf il-firma u t-timbru tagħha fuq l-istess dokument;

Rat illi fis-seduta tat-8 t'April 2025[84], id-Difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tippreżenta bħala xhud tagħha lil PS 2044 Graziella Farrugia, li kienet xhud li kienet preżenti biss waqt it-teħid tal-Istqarrija tal-imputat;

[83] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt l-istess seduta a fol 70 *et seq* tal-proċess
[84] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 76 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija[85], u dan wara li fis-seduta tat-8 t'April 2025[86] l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Christian Cauchi iddikjara li t-trattazzjoni tiegħu ser issir bil-miktub;

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-Difiża fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2025[87];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat kien mixli talli nhar is-Sibt 18 ta' Jannar 2025 għall-ħabta tas-sitta u għoxrin ta' filgħodu (06:20hrs) u/jew fix-xhur, ġimgħat, ġranet u/jew ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Kien jaf jew messu kien jaf li ommu **Marika (Maria-Carmela) Borg** hi anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkustanzi jew kondizzjonijiet, ħlief dawk li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement ġiegħel jew ippermetta lil **ommu Marika (Maria-Carmela) Borg**, adulta dipendenti ssofri, jew ġab lil **ommu Marika (Maria-Carmela) Borg** uġiegħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li kellu l-kura u kustodja ta' **ommu Marika (Maria-Carmela) Borg** jew adult dipendenti, xjentement ġiegħel jew ippermetta li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti issirilhom ħsara, jew xjentement ġiegħel jew ippermetta li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti titqiegħed f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħha tkun fil-periklu u dan bi ksur tal-Artikolu 257Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[85] Ara a fol 77 *et seq* tal-proċess
[86] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 76 tal-proċess
[87] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 85 tal-proċess

2. Ikkaġuna lil **ommu Marika (Maria-Carmela) Borg** biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tagħha, aħwa subien jew bniet u dan aggravat meta d-delitt twettaq kont il-konjuġi jew is-sieħba preżenti ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, id-delitt, jew id-delitti relatati twettaq jew twettqu ripetutament, u d-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma u dan bi ksur tal-Artikoli 251B, 251H(a)(b)(h) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Ġab ruħu b'mod li taha fastidju lil **ommu Marika (Maria-Carmela) Borg** jew ġab ruħu b'mod li kienet taf jew kien imissha kienet taf li dan kien ta' fastidju għal **ommu Marika (Maria-Carmela) Borg** u dan aggravat minħabba l-fatt li d-delitt twettaq kontra l-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament kif ukoll id-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma u dan bi ksur tal-Artikoli 251A(1)(a)(b), 251H(a)(b)(h) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli bejn is-Sibt 18 ta' Jannar 2025 għall-ħabta tas-sitta u għoxrin ta' filgħodu (06:20hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa r-residenza fond numru 45, 'Loredana Court', Flat 7, Triq Giuseppe Cali', Ta' Xbiex għamel inġurji jew theddid lil Marika (Maria-Carmela) Borg liema inġurji mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artiklu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qabel ma tgħaddi sabiex titratta dwar il-mertu ta' kull imputazzjoni, din il-Qorti tosserva li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat huma tali li jirrinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' "***Vjolenza Domestika***" kif imfissra l-Artikolu 2 tal-Kap 581 tal-Liġijiet ta' Malta, li *ai fini* ta' kompletezza ser tkun riprodotta hawn taħt:

***"vjolenza domestika" tfisser l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u,***

***jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima.***

Referenza ssir ukoll għad-definizzjoni ta' "***familja jew unita' domestika***" hekk kif imfissra fl-Artikolu 2 tal-istess Kapitolu, senjatament is-subartikolu (ċ), li jipprovdu s-segwenti:
***2. (ċ) persuni li huma relatati ma' xulxin jew minħabba l-qrubija mid-demm jew bi żwieġ, unjoni ċivili u, jew koabitazzjoni, sat-tielet grad inklussivament***.

Minn eżami tal-atti u mill-provi prodotti, huwa fatt mhux ikkontestat li l-imputat u l-*Parte Civile* huma omm u iben, li għaldaqstant jpoġġi dawn l-imputazzjonijiet fil-parametri tat-tifsiriet ta' vjolenza domestika u familja jew unita' domestika kkwotati aktar 'il fuq;

Rigward dawn l-imputazzjonijiet, din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti, x-xhieda mogħtija mill-*Parte Civile* fis-seduta ta' nhar id-19 ta' Frar 2025[88] hija waħda verosimili għal dak li seħħ nhar it-18 ta' Jannar 2025 u fiż-żminijiet ta' qabel hekk kif imsemmija fl-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri, li permezz tagħha tikkonferma ż-żminijiet li fihom seħħew l-inċidenti li bihom jinsab mixli l-imputat, u tikkonferma dak allegat mill-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-aġir u l-imġiba tiegħu, fosthom il-fastidju prattikament kontinwu da parti tal-istess imputat u d-diskors li ntqal minnu fil-konfront tagħha meta heddidha b'ħajjitha għax kienet qed tirrabbjah nhar it-18 ta' Jannar 2025. Il-*Parte Civile* tiddeskrivi dan kollu fid-dettall waqt ix-xhieda tagħha, liema ċirkostanzi seħħew fuq medda ta' żmien ta' tliet xhur, li konsegwentement jirrinkwadra ruħu fid-dettami tal-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta rigward il-*course of conduct*, u jissodisfa wkoll l-elementi rikjesti għar-reat kontinwat kif imsemmi fl-Artikolu 18 tal-istess Kapitolu.

Il-*Parte Civile* tispjega wkoll l-aspett finanzjarju ta' dawn l-imputazzjonijiet, u tiddeskrivi fid-dettall kif kienet tagħti lill-imputat bejn €10 u €30 kuljum, u tant kemm ma felħitx iżjed

---

[88] Ara a fol 33 *et seq* tal-proċess

għall-aġir u l-imġiba tal-imputat li tagħtu s-somma ta' €320 li kienet tagħtu biex imur jgħix f'*hostel* għal ftit taż-żmien li, għalkemm irnexxiet għal ftit żmien, l-imputat xorta reġa' tfaċċa ħdejn ir-residenza tagħha, u anke sabitu ġewwa. Il-*Parte Civile* tiddeskrivi wkoll kif l-imputat kien juża l-kont tar-*Revolut* tagħha biex iżomm u jittrasferixxi flus tagħha li kienet tagħti lilu lil sħabu, u flus ta' sħabu biex imbagħad tgħaddihomlhom lura, u dwar dan, il-*Parte Civile* ssemmi kif kienet tirċievi flus mingħand nies li ma tafhomx fuq il-istess kont tar-*Revolut* u fil-fatt tgħid li tant kemm kienet għajjiet, li tilfet il-kont ta' dak li kien qed jiġri bit-transazzjonijiet kollha li kienu qed isiru *tramite* l-kont tagħha tar-*Revolut* bejn u minn nies li ma tafx bi struzzjonijiet tal-imputat kif deskritt minnha fix-xhieda tagħha.

Minn dan kollu din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti, senjatament ix-xhieda tal-*Parte Civile* u dak li jirriżulta mill-atti nfushom, joħroġ biċ-ċar kif l-aġir tal-imputat u l-istil ta' ħajja tiegħu bħala persuna diżokkupata u maħkuma mill-vizzju tad-droga (fatt li qatt ma kien ikkontestat mid-Difiża li l-imputat ilu jbati mid-dipendenza tad-droga minn mindu kellu l-eta' ta' 16-il sena) qed ikollu effett psikoloġiku akut fuq il-*Parte Civile*, kemm bħala omm u bħala persuna anzjana[89] t'eta' ta' 65 sena, li għalhekk jinkwadra ruħu wkoll fil-parametri tal-Artikolu 257Ċ(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li *ai fini* ta' kompletezza qed ikun riprodott hawn taħt:

> ***257Ċ. (1) Persuna li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li persuna hi <u>anzjana</u>[90] jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet, ħlief dawk li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, <u>xjentement iġġiegħel jew tippermetti li persuna anzjana adult dipendenti jsofru, jew iġġib fuq dawk il-persuni uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli</u>[91] jew waqt li jkollha l-kura u l-kustodja tal-persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna jew is-saħħa tal-***

[89] Hekk kif jirriżulta mill-Estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid tagħha esebit bħala Dok CCA1 a fol 67 tal-proċess u kif imfisser fl-Artikolu 257F(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe':
"257F. (4) Għall-finijiet ta' dan is-Sub-titolu:
"persuna anzjana" tfisser persuna li għalqet l-età ta' sittin sena;"
[90] Enfasi tal-Qorti
[91] Enfasi tal-Qorti

> ***persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom ħsara, jew xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti jitqiegħdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħhom tkun fil-periklu, tkun ħatja ta' reat u, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li jista' jkun hemm għar-reat taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, teħel il-piena ta' priġunerija minn sena sa tliet snin.***

Dwar dan, il-Qorti tinnota l-fatturi segwenti:

1. Id-dipendenza akuta għad-droga imsemmija aktar 'il fuq flimkien ma' dak konstatat mit-Tabiba Dr. Ylenia Zammit wara li l-imputat stess talab lill-Pulizija biex jittieħed id-*Detox*, bit-test tal-urina li rriżulta fil-pożittiv għall-kokaina, *opiates* u *buprenorphine*;

2. Il-fastidju biex il-*Parte Civile* ttih il-flus, tant li spiċċat biex tagħtu s-somma ta' €320 biex imur jirrisjedi *f'hostel* tant kemm aggravat ruħha s-sitwazzjoni, u li minkejja li dan wassal sabiex ma jgħixx fir-residenza tagħha għal ċertu żmien, eventwalment xorta reġa' tfaċċa fil-blokka t'appartmenti li fih tirrisjedi l-*Parte Civile*, u wassal għal dak li seħħ fit-18 ta' Jannar 2025, li fih l-imputat hedded lill-*Parte Civile* b'ħajjitha;

3. In-nies li ma tafhomx li kienet issib fid-dar tagħha mingħajr il-kunsens tagħha, u dan anke wara li wissietu biex ma jibqax iġib nies id-dar liema persuni kienu jiġu biex jikkunsmaw id-droga flimkien;

4. Is-sens ta' kontroll li l-imputat kien ikollu fuqha, li jinkludu kummenti fuq kull ħaġa li tgħid u tagħmel, u anke ċaqliq t'affarijiet mill-post li tkun qiegħdithom hi;

5. Il-biża' ċara li kellha fuqha l-*Parte Civile* li ta' vjolenza fil-konfront tagħha, speċjalment mill-inċident tat-18 ta' Jannar 2025, li waslet sal-punt li toħroġ minn darha stess, u waqt ix-xhieda tagħha fis-seduta tad-19 ta' Frar 2025, tistqarr li kienet għadha tħossha imbeżża' mill-imputat sal-ġurnata tal-lum;

6. Il-fatt li l-*Parte Civile* baqgħet taħdem u tagħmel 6 privatijiet minkejja li setgħet tieqaf u toħroġ bil-pensjoni, u dan kollu biex tkompli tagħti appoġġ lil binha u lin-neputi tagħha (it-tifel tal-imputat) Isaac Zammit ta' 10 snin, u tipprova tagħmel minn kollox biex tiffranka l-flus biex tista' tkompli tagħmel dan;

7. Minkejja dan kollu, l-imputat xorta jkasbaraha, tant li tiddeskrivi l-esperjenza tagħha matul dawn iż-żminijiet bħala nfern u spiċċat biex għal ftit żmien telqet minn darha stess biex tipprova ssib wens u rritornat biss ġurnata qabel ma tat ix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri.

Din il-Qorti tqis li dawn il-fatturi lkoll ipinġu stampa problematika, kemm għall-*Parte Civile* bil-konsegwenzi kollha li ġabet din id-dipendenza akuta, u għall-imputat innifsu. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li *ai termini* tal-Artikolu 638(1) u l-Artikolu 638(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-verżjoni mogħtija mill-*Parte Civile*, *stante* l-kreddibilta' u konsistenza tagħha, kif ukoll tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern li jkomplu jikkorroboraw it-teżi tal-Prosekuzzjoni flimkien mal-fatt li l-imputat ma ressaq ebda prova li b'xi mod tikkontradixxi jew toħloq xi forma ta' dubju fuq l-akkużi in kwistjoni, l-Qorti tara li x-xhieda tal-istess *Parte Civile* meħuda fl-assjem tal-provi kollha mressqa tikkostitwixxi prova sħiħa u kompluta, u konsegwentement tqis li dawn l-imputazzjonijiet kienu sodisfaċentement ippruvati.

In vista ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, din il-Qorti tara li *ai fini* ta' piena li għandha tkun erogata, filwaqt li għandha tiżen l-aspett soċjali ta' każ ta' Vjolenza Domestika bħalma huwa dan, għandha wkoll tibbilanċja dan mal-aspett ġudizzjarju tal-każ odjern, senjatament in-natura ta' dawn l-imputazzjonijiet bl-aggravji assoċjat magħhom. Għalhekk din il-Qorti tqis f'dan l-istadju, kif argumentat mill-Prosekuzzjoni, tenut kont ukoll il-kambjament li għamel matul iż-żmien li għamel taħt arrest preventiv, ikun aktar idoneju li l-imputat, *stante* li l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu kienu sodisfaċentement ippruvati, l-piena erogata tkun waħda ta' priġunerija effettiva. *In oltre* l-imputat għandu bżonn ikompli bit-trattament għall-vizzju tad-droga f'ambjent ikkontrollat. Flimkien ma' din il-piena, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun idoneju li l-imputat

jitqiegħed taħt Ordni ta' Trattament fil-massimu sabiex anke wara li jirritorna lura fis-soċjeta', ikun jista' jkompli jsegwi dan it-trattament u jibni fuq il-progress li din il-Qorti tittama li jkun għamel waqt li jkun inkarċerat għall-ġid tiegħu innifsu, tal-*Parte Civile* u l-persuni ta' madwaru, inkluż ibnu minorreni Isaac Zammit.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Huwa fl-isfond ta' dan kollu li din il-Qorti tħossha fid-dover li tindirizza l-kwistjoni tar-*Risk Assessments* li jsiru f'każijiet ta' vjolenza domestika. Minn dak li jirriżulta mill-atti, partikularment ix-xhieda tar-*Risk Assessors* Pavel Cuschieri u Shianne Muscat, jidher li peress li l-każ in deżamina kien wieħed bejn omm u iben, ġiet adoperata s-sistema ta' *Risk Assessment non-IPV* (*non-Intimate Partner Violence*), u mhux *Risk Assessment* magħmul b'sistema ta' punteġġ li tintuża *ai fini* ta' eventwali prosekuzzjoni rigward ir-rapport magħmul mill-allegat vittma bħalma huwa *Danger Assessment*. Tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, li fih il-*Parte Civile* sofriet vjolenza domestika minn binha fuq medda ta' żmien li huwa ċar li ħalla effett psikoloġiku akut fuqha, partikularment il-biża' li baqgħet tippersisti anke sal-ġurnata meta ġiet biex tiddeponi f'dawn il-proċeduri din il-Qorti ma tistax tifhem ir-raġuni għalfejn issir distinzjoni fl-operat u kif l-allegati vittmi jiġu trattati. Dan qiegħed jingħad għaliex l-allegati vittmi kollha li jirrikorru għall-għajnuna minħabba vjolenza domestika minħabba aġir da parti tal-aggressur li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' vjolenza domestika kif imfissra fl-Artikolu 2 tal-Kap 581 tal-Liġijiet ta' Malta u dawn kollha (irrispettivament jekk hux *non-intimate partner* jew *intimate partner*) huma ta' portata serja f'għajnejn il-Liġi. Il-każ hu odjern hu każ ċar ta' vjolenza domestika serja li ċertament kien jimmerita *Risk Assessment* b'sistema ta' punteġġ u li seta' jiġi preżentat bħala dokument fl-atti tal-kawża odjerna imma peress li r-relazzjoni bejn l-allegat aggressur u l-allegata vittma hija dik ta' bejn omm u iben, allura dan fisser li r-*Risk Assessment* b'sistema ta' punteġġ ma sarx. Din hija prassi li Din il-Qorti tara li ma tagħmel ebda sens legali, toħloq distinzjoni inutili bejn l-allegati vittmi u aktar minn hekk toħloq anomalija għaliex ma jkun hemm ebda dokument li jagħti ħjiel ta' dak kollu li tkun stqarret l-allegata vittma waqt tali *assessment*.

F'dan il-każ, l-imputazzjonijiet in deżamina huma aggravati minħabba l-fatt li dawn saru fil-konfront t'axxendent u ċioe' ommu l-*Parte Civile* **Marica (Maria-Carmela) Borg** pero' proprju minħabba r-relazzjoni t'omm u iben, meta r-*Risk Assessors* kienu mistoqsija jekk kellhomx dokumentazzjoni x'jippreżentaw sabiex jissostanzjaw li dak li kien qed jingħad minnhom waqt ix-xhieda tagħhom, ikkonfermaw li ma kellhom ebda dokumentazzjoni għajr id-dettalji tal-*Parte Civile* u tal-imputat peress li dan *Risk Assessment non-IPV* u komplew jispjegaw li dan fil-verita' hu biss ta' sapport emozzjonali u mhux bħala forma ta' dokument *ai fini* ta' prosekuzzjoni. Fil-fatt l-informazzjoni miġbura minnhom hija biss informazzjoni li tingħata lil *Social Worker* sabiex tkun tista' tagħmel ix-xogħol tagħha ta' sapport emozzjonali għall-vittma ta' vjolenza domestika. F'dan l-istadju għalhekk din il-Qorti ma tistax ma tistaqsix dwar l-iskop tar-*Risk Assessments* in ġenerali, speċjalment meta jidher ċar li reati ta' vjolenza domestika huma trattati b'mod differenti skont min ikunu l-persuni involuti, irrispettivament minn kemm ikunu serji l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-awtur tal-vjolenza domestika. Għaldaqstant, tenut kont dawn il-fatturi kollha, din il-Qorti hija tal-fehma li wasal iż-żmien għal riforma f'dan ir-rigward sabiex każijiet ta' vjolenza domestika jkunu trattati b'mod uniformi, mingħajr ebda forma ta' distinzjoni u tittieħed azzjoni immedjata sabiex kull forma ta' vjolenza domestika (irrispettivament min jagħmilha fil-konfront ta' min) tittieħed bis-serjeta' u l-*protocol* adoperat ikun konformi għaliex l-idea u l-adoperat preżenti qed jagħti impressjoni ħażina mmens li ġialadarba l-vjolenza domestika qed issir fl-ambitu ta' persuni li m'humiex jew ma kienux f'relazzjoni intima flimkien, allura b'xi mod huma t'inqas importanza jew t'inqas serjeta' meta dan ċertament mhux il-każ u m'għandux ikun! Wasal iż-żmien li allegati reati ta' vjolenza domestiku jiġu trattati b'mod ugwali u konformi mingħajr ebda forma ta' distinzjoni bejn il-partijiet involuti.

**<u>Decide:</u>**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 18, l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 202(h)(iii), l-Artikolu 202(h)(v), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 251A(1)(a), l-Artikolu 251A(1)(b), l-Artikolu 251A(4), l-Artikolu 251B(1), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(b), l-Artikolu 251H(h), l-Artikolu 251HA, l-Artikolu 257Ċ(1), l-Artikolu 257F(4) u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>qiegħda issib lill-imputat Kenneth Zammit ħati tal-</u>**

**imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għall-piena ta' tliet (3) snin priġunerija effettivi**.

*In oltre* din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat, issa l-ħati **Kenneth Zammit** favur il-*Parte Civile* **Marica (Maria-Carmela) Borg għal żmien tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza,** liema Ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3) u l-Artikolu 412Ċ(9) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati, **Kenneth Zammit** taħt Ordni ta' Trattament **għal perjodu ta' ħames (5) snin mid-data ta' din is-sentenza**, u dan bl-iskop li jindirizza l-problema tad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, kif ukoll jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku ieħor neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat mill-professjonisti inkarigati f'dan ir-rigward.

Din il-Qorti spjegat lill-ħati **Kenneth Zammit** fi kliem ċar u sempliċi ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 412D(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet odjern li permezz tiegħu tqiegħed taħt din l-Ordni.

Din il-Qorti tordna li kopja ta' din l-Ordni, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għandhom ikunu komunikati minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* lill-ħati **Kenneth Zammit** li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tiegħu, u għandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub dwar l-andament tal-ħati **kull tliet (3) xhur.**

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Kenneth Zammit** il-provvedimenti tal-Artikolu 532A, l-Artikolu 532B u/jew l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li ma kien inkarigat l-ebda espert fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Il-Qorti *in oltre* qiegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja, lill-Aġenzija Appoġġ, lill-Kummissarju dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika u lill-Avukat Ġenerali.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**